# Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili

**Imħallef**
**Onor. Robert G. Mangion**

**Seduta tat-3 ta’ Mejju, 2024**

**Kawża Numru: 2**

**Rik. Ġur. 57/2015 RGM**

**Paul Mangion**

**vs.**

**Alexander Cassar**

**Il-Qorti**

1. Rat li b’rikors ġuramentat tal-21 ta’ Jannar 2015 l-attur fisser li huwa jikkummerċja fil-karozzi u kien ittrasferixxa diversi vetturi lill-konvenut għal-liema għadu ma tħallasx; jgħid li l-konvenut huwa debitur tiegħu fis-somma ta’ €12,575 rappreżentanti bilanċ ta’ prezz formanti parti minn somma akbar in segwentu għall-bejgħ ta’ magna u diversi vetturi u ċioe in kwantu €3,142 fuq il-vettura tat-tip Ford Escort Mark 1 Cosworth iswed flimkien ma’ €3,274 rappreżentanti multi u liċenzji b’lura mhux imħallsa waqt li din il-vettura kienet u għada tinsab fil-pussess u għal użu tal-istess konvenut, kwantu għal €65 fuq Escort Mark 4 magna diesel aħmar, kwantu għal €5,360 fuq il-vettura tat-tip Ford 8 Van u kwantu għal €550 fuq magna V6 Ford Capri. L-attur fisser li nonostante li l-konvenut ġie diversi drabi interpellat inkluż b’ittra uffiċċjali datata 2 ta’ Mejju 2014 sabiex iħallasdan baqa’ inadempjenti u għalhekk istitwixxa l-kawża odjerna u talab lill-Qorti:

"1. Tordna lill-intimat sabiex jidher quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-jum u fil-hin li tordna din l-istess Onorabbli Qorti.

2. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, b'dispenza ghas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167 – 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-esponenti s-somma kumplessiva ta' tnax-il elf hames mija u hamsa u sebghin ewro (€12,575).

Bl-ispejjeż kompriża dawk tal-prezenti, l-Ittra Ufficjali tat-2 ta' Mejju 2014 u tal-mandat ta' qbid u spejjez ohra konnessi ma' l-istess bl-interessi legali skont il-ligi mill-1 t'April 2014 kontra l-intimati li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni."

2. Rat li waqt is-seduta tad-19 ta' Frar 2015 din il-Qorti diversament preseduta għarfet li kien hemm biżżejjed raġunijiet sabiex takkorda lill-konvenut il-fakolta' li jirrispondi fi żmien għoxrin ġurnata.

3. Rat li b'risposta ġuramentata ippreżentata fid-9 ta' Marzu 2015 il-konvenut ressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu: il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kapitolu 16; in-nullità tar-rikors promotur stante li l-ammont pretiż u ċioe is-somma ta' €12,575 mhux dovut u dan peress li l-bilanċ mitlub fuq il-vettura tat-tip Ford Escort Mark 1, l-Ford Escort Mark 4 aħmar, l-Ford Vann u l-magna V6 ġew imħallsa fl-intier tagħhom minħabba li saru pagamenti eċċessivi fuq il-bilanċ mitlub fuq il-Ford Escort Mark 1 (Cosworth) iswed, filwaqt illi t-talba relatata mal-arretrati ta' liċenzji u multi dovuti fuq il-Ford Escort Mark 1 (Cosworth) iswed dawn huma unikament dovuti mill-attur stante li huwa qatt ma għaddielu kopja tal-*logbook* sabiex isiru t-trasferimenti rispettivi; illi l-attur ma talabx li l-konvenut jiġi dikjarat li huwa verament debitur tiegħu u għalhekk ir-rikors promotur huwa monk u l-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju; li l-ebda ammont m'hu dovut anzi huwa l-attur innifsu li għandu jirrestitwixxi lill-konvenut is-somma li huwa ħallas ikattar minn dak miftiehem bejniethom u għaldaqstant ressaq kontro-talba.

4. Rat li l-konvenut ressaq kontro-talba fejn ippremetta li huwa kien akkwista diversi vetturi u magni mingħand l-attur rikonvenzjonat bejn il-is-sena 2008 u 2010, liema vetturi u magni kienu jinkludu (a) Ford Vann Blu (għall-prezz ta' €3,494), (b) Ford Zeper Marun (għal prezz ta'

€2,096.37), (c) Ford Prefect (għall-prezz ta' €3,494; (d) Ford Perfect/Squire Vann (għall-prezz ta' €2,329.37); (e) Ford Escort Mark 1 (Cosworth) Iswed (għall-prezz ta' €8,385.75; (f) Ford Vann Marun (għall-prezz ta' €5,357.56); (g) Ford Escort Mark 1 Blu/Vjola (għall-prezz ta; €1,455.85); (h) Ford Escort Mark 4 aħmar (għall-prezz ta' €1,165); u (i) Magna V6 (għall-prezz ta' €550). Il-konvenut rikonvenzjonant ippremetta li huwa kien ħallas lill-attur rikonvenzjonat il-prezz kollu tas-segwenti: (a) Ford Vann Blu; (b_ Ford Zeper Marun; (c) Ford Prefect; (d) Ford Prefect/Squire Vann; u (e) Ford Escort Mark 1. Ifisser li fir-rigward tal-Ford Escort Mark 1 iswed ġie ffirmat ftehim bejniethom fis-27 ta' Mejju 2008 fejn il-partijiet qablu li jsir tpartit mal-vettura tal-għamla Cortina li l-attur rikonvenzjonat ried jakkwista u l-Ford Escort Mark 1 iswed li l-konvenut rikonvenzjonant ried jakkwista. Ikompli jgħid li l-vettura tal-għamla Cortina ġiet stmata għall-prezz ta' €2,329.37 liema bilanċ kellu jitnaqqas mill-bilanċ dovut fuq il-Ford Escort Mark 1 iswed u ċioe dak ta' €8,385.75, għalhekk il-prezz dovut fuq il-vettura tal-Ford Escort Mark 1 iswed kellu jkun dak ta' €6,056.37. Jgħid li meta sar it-tpartit huwa kien għadda lill-attur rikonvenzjonat kopja tal-*logbook* u dokumenti relatati mal-vettura tal-għamla Cortina iżda wara xi sentejn dan iddeċieda li jirritorna l-vettura għand il-konvenut rikonvenzjonant mingħajr *logbook* u dokumenti bil-pretensjoni li jitħallas lura s-somma ta' €2,795.25. Jgħid li huwa aċċetta li jieħu lura l-vettura ġaladarba jiġu ritornati l-*logbook* u d-dokumenti tal-vettura. Ippremetta ukoll li fuq il-Ford Escort Mark 1 iswed saru pagamenti ulterjuri li jammontaw għas-somma ta' €19,141.89 meta l-prezz miftiehem fuq din il-vettura kellu jkun dak ta' €6,056.37. Ippremetta wkoll li fuq il-vetturi l-oħra kien fadal is-segwenti bilanċ pendenti: (a) Ford Escort Mark 4 aħmar (bilanċ ta' €65), (b) Ford Vann Marun (bilanċ ta' €5,357.56); (c) Magna V6 (bilanċ ta' €550), jgħid li jirriżulta li l-magan V6 għandha xi irregolaritajiet u ċertifikati neqsin li ma tistax tiġi reġistrata mal-Awtorità kompetenti u għal dan il-konvenut rikonvenzjonant irid jirritorna din il-magna li preżentement tinsab fil-pussess tal-kunsinnatarju u l-prezz tagħha jiġi eskluż mill-vetturi li għad għandhom bilanċ pendenti. Jgħid li minn dan kollu jidher għalhekk li l-attur rikonvenzjonat huwa debitur tal-konvenut rikonvenzjonant fis-somma ta' €13,719.33. Jagħlaq billi ippremetta li l-attur rikonvenzjonat ġie interpellat diversi drabi sabiex jgħaddi l-*logbooks* ta' dawk il-vetturi li ġew imħallsa fl-intier tagħhom u sabiex jersaq għat-trasferiment tal-vetturi (a) Ford Vann Blu, (b) Ford Zeper Marun, (c) Ford Prefect, (d) For Preferct/Squire Vann u (e) Ford Escort Mark 1 Blu/vjola u sabiex timtela l-applikazzjoni neċessarja rigward ir-reġistrazzjoni tas-sid il-ġdid tal-vetturi klassifikati bħala *classic cars*. Għal dan kollu l-konvenut rikonvenzjonant talab lil din il-Qorti

"1. Tiddikjara lill-attur rikonvenzjonat debitur għall-ammont ta' tlettax-il elf seba' mija u dsatax-il Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€13,719.33) jew somma ohra verjuri, anqas jew iżjed, anke bl-opera ta' periti nominandi;

2. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenut rikonvenzjonanti l-ammont ta' tlettax-il elf seba' mija u dsatax-il Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€13,719.33) jew somma ohra verjuri, anqas jew iżjed;

3. Tiddikjara lill-konvenut rikonvenzjonanti bħala sid il-vetturi a. Ford Vann Blu, b. Ford Zeper Marun, c. Ford Prefect, d. Ford Prefect/Aquire Vann, e. Ford Escort Mark 1 Iswed, f. Ford Vann Marun, g. Ford Escort Mark 1 Blu/vjola u h. Ford Escort Mark 4 ahmar;

4. Tordna lill-attur rikonvenzjonat jghaddi kopja tal-*logbooks* tal-vetturi ndikati u sabiex jersaq ghat-trasferiment tal-imsemmija vetturi, u dan fi żmien qasir u perentorju;

5. Tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex ihallas kwalunkwe arretrati ta' liċenzji u jew citazzjonijiet li ghadhom pendenti fuq l-imsemmija vetturi, u dan fi żmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi;

6. Tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex jirrestitwixxi s-somma mhallsa fuq vetturi li ghal xi raġuni jew ohra ma jkunx jista' jsirilhom it-trasferiment taghhom, u dan flimkien mas-somma mitluba aktar il fuq.

Bl-imghax u l-ispejjez legali, l-ispejjez relatati mar-rikors revoka numru 122/2015 JPG, u spejjez in konnessjoni mal-mandat ta' sekwestru li qed jiġi ppreżentat kontestwalment, kontra l-attur rikonvenzjonat, l huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni."

5. Rat li b'<u>risposta maħlufa </u>ppreżentata fit-30 ta' Marzu 2015, l-attur rikonvenzjonat irribatta li l-konvenut ammetta li huwa debitur lejh għall-vettura Ford Vann, Ford Escort Mark 4 flimkien mal-magna V6. Eċċepixxa li talbiet rikonvenzjonali huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jgħaddi sabiex jelenka dak li ingħad minnu fir-rikors promotur tiegħu.

6. Rat l-atti kollha tal-kawża.

7. Rat li għalkemm is-sorte fl-azzjoni attriċi huwa anqas minn ħmistax-il-elf ewro imsemmi fl-Artikolu 47 tal-Kapitolu 12, l-azzjoni attriċi ġiet intavolata qabel l-emendi tal-imsemmi artikolu u għalhekk għandha kompetenza *rationae materiae* tiddeċiedi l-kawża.

8. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet[1] [2].

9. Wara li semgħet it-trattazzjoni finali l-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza.

**Provi**

10. Xehed l-**attur Paul Mangion** fejn fisser li huwa jixtri karozzi, jirranġahom hu u jbigħhom. Jgħid li lill-konvenut Alexander Cassar jafu billi biegħlu xi vetturi bid-dejn. Ifisser li biegħlu vann Ford 10, Ford Zeper, Ford Prefect karozza u Ford Prefect vann kif ukoll Ford Escort Mark 1 bil-magna Toyota – dawn il-konvenut ħallashom kollha però biegħlu wkoll Ford 8 Van għall-prezz ta' €5,360, magna V6 għal prezz ta' €550, Escort Mark 4 li mill-prezz ta' €1,165 jonqos itih €65, u għal Escort Mark 1 Cosworth li mill-prezz ta' €11,200 jonqos itih €3,608. Ix-xhud jispjega li huwa għandu ktejjeb bl-ammonti li kien iħallsu l-konvenut u dawk li għadhom pendenti u għal kull waħda l-konvenut iffirma. Spjega wkoll li huma kienu jagħmlu skrittura bejniethom għal kull karozza li jbiegħlu. L-attur fisser li huwa partat il-vettura Cortina li kienet tiswa €2,795.25 ma' Escort Mark 1 Cosworth li kellha valur ta' €11,181. Jispjega li kien hemm problema dwar *chassis number* nieqes għax kienu saru tiswijiet fuqha li bix-xogħlijiet tneħħa u kien ingħata parir minn membru tal-korp tal-pulizija li jkun aħjar jekk jirritorna lura dik l-vettura. Jgħid li huwa għamel hekk u Cassar ħadha lura.

11. Mistoqsi kemm għandu jieħu mingħand il-konvenut, l-attur jgħid li għandu jieħu €9,583 u dan wara li l-konvenut kien ħallsu s-somma ta' €21,542 minn €31,125. Ma' dik is-somma, l-attur qiegħed jitlob ukoll €4,000 bħala danni għall-mutur GXXR1100 li kellu valur ta' €6,500 meta biegħulu imma l-konvenut irritornah wara sitt snin u l-valur wara dak iż-żmien nieżel għal €2,500 u għalhekk qiegħed jitlob id-differenza. Jgħid li hemm multi fuq il-

[1] Fol 227 et seq tal-proċess.
[2] Fol 235 et seq tal-proċess.

Cosworth li għadhom pendenti. Ippreżenta kopja tal-ktejjeb tal-ħlasijiet li kellu hu u kopja li tah il-konvenut.

In kontro-eżami l-attur ġie mistoqsi jikkonferma li l-magna V6 Ford Capri kienet bil-ħsara u kien ħa jagħtihielu lura, ix-xhud jgħid li mhux minnu li ried jagħtihielu lura, jispjega li dak huwa oġġett *vintage*, biex iżżejjen bih. Mistoqsi jikkonferma jekk il-*logbooks* tal-vetturi għadhomx għandu, ix-xhud jgħid li għadhom għandu bil-ħsieb li jgħaddihom lill-konvenut wara li jsiru l-ħlasijiet kollha.

12. Xehed il-**konvenut Alexander Cassar** permezz t'affidavit fejn fisser li huwa ma kienx jaf jikteb u jaqra u kien jafda lill-attur. Rigward il-vettura Ford Escort Mark 1 Cosworth ix-xhud jgħid li huwa ħallas is-somma kollha dovuta u jgħid li dan huwa evidenti mid-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur u mal-kontro-talba. Jgħid li s-somma ulterjuri mħallsa fuq din il-vettura kienet ta' €19,141.89 meta l-prezz miftiehem kien ta' €6,056.37. Jgħid li sar mandat ta' qbid li ġie revokat u l-karozzi ġew ritornati wara numru ta' xhur. Jispjega li t-transfer ta' din il-vettura għadu ma sarx u l-*logbook* u d-dokumenti kollha għadhom fil-pussess tal-attur. Jispjega li din il-vettura kellha tliet liċenzji b'lura u l-ftehim kien li l-attur iħallas waħda u hu jħallas tnejn però jgħid li l-attur ma ħallasx għax ma riedx ipoġġih fuq ismu. Jikkonferma li fuq l-Escort Mark 4 magna diesel aħmar għad fadal il-ħlas ta' €65 u ma'għandux oġġezzjoni li jħallashom bil-patt li jagħtih il-*logbook*. Rigward il-Ford 8 Van, jgħid li l-ftehim kien li kif iħallas Escort Mark 1 u l-magna kellu jibda jħallas il-vann.

13. Xhed li l-Magna V6 Ford Capri tħallset skont l-irċevuti. Jgħid li fuq din il-magna hemm problema għaliex m'hemmx dokumenti tagħha u huwa m'għandux bżonnhom u jista' jeħodha lura wara li jagħtih lura dak li ħallsu. Dwar il-vetturi msemmija fil-kontro-talba, ll-konvenut jgħid li hemm numru ta' karozzi li huwa ħallashom, l-attur baqa' ma tahx il-*logbook* u d-dokumentazzjoni kollha. Dwar il-Cortina, il-konvenut jgħid li dan kien partu mal-attur biex akkwista l-Ford Escort Mark 1 Cosworth. Jgħid li Mangion irritorna l-Cortina u jkompli jgħid li hu kien ħallas lill-attur mal-Escort. Jgħid li għal din il-karozza l-attur naqas milli jtih il-*logbook*. Ix-xhud jgħid li huwa ħallas is-somma ta' €1,914.89 u wara li jitnaqqsu s-somma ta' €65 u €5,357.56 (tal- Ford 8 Van Marun) l-attur għandu jtih is-somma ta' €13,719.33.

14. Xehdet **Josephine Blundell** li fissret li hija kienet tgħix mal-konvenut u kienet tieħu ħsieb tagħmel il-pagamenti għan-nom tal-konvenut. Tgħid li

hija kienet involuta biss fil-ħlas tal-vettura Cosworth. Tgħid li l-attur kien jiffirma żewġ karti, waħda għalih u l-oħra għall-konvenut. Tgħid li hi u l-konvenut kienu skoprew li l-konvenut kien effettwa pagamenti aktar milli kellu jħallas. Tgħid li meta l-konvenut irrinfaċċja lill-attur b'dan, l-attur ċaħad li kien il-każ. Mistoqsija jekk tafx kienx hemm kwistjonijiet oħra barra din il-kwistjoni, ix-xhud tgħid li le. Mistoqsija jekk kienx hemm ftehim fuq il-Cosworth hija tgħid li ma tafx.

In kontro-eżami tgħid li l-pagamenti li kienet tagħmel kienu jkunu ta' xi €466 però ma kinux ikunu anqas minn €200. Tgħid li kienu jmorru jħallsu lill-attur Birżebbuġa. Ix-xhud tikkonferma li hija ma kinitx parti fil-ftehim u lanqas ma kienet preżenti meta sar il-ftehim fuq il-vettura Cosworth, però tispjega li taf li saru pagamenti żejda għaliex hi u l-konvenut kienu għamlu kalkoli u kienu anke marru għand avukat. Mistoqsija kemm kien l-ammont li tħallas u kemm kien il-valur tal-vettura, ix-xhud tgħid li ma tafx. Ix-xhud tikkonferma li l-attur kien jiffirma riċevuta għal kull pagament li kien jagħmel il-konvenut.

Ikkunsidrat

**Konsiderazzjonijiet Legali**

15. Il-Qorti sejra tibda billi tqis l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni għaliex huma perentorji għall-azzjoni attriċi. Għalkemm il-konvenut sejjaħ it-tieni eċċezzjoni tiegħu bħala preliminari għaliex tqis ir-rikors promotur bħala null, tkompli dik l-eċċezzjoni billi tikkontesta t-talbiet attriċi fil-mertu. Ma hiex eċċezzjoni ta' nullita' ta' att. Għaldaqstant ser titqies flimkien mal-mertu.

**L-Eċċezzjoni li l-Azzjoni Attriċi hija Preskritta.**

16. Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-konvenut eċċexxipa li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kodiċi Ċivili.

17. **Artikolu 2148 (b) Kap. 16**:

> "L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:
>
> [...]

(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut"

18. Ingħad fis-sentenza **Mizzi Estates Ltd vs. Frank Borda et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-31 t'Ottubru 2014 li:

> "Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Mohnani v. Stivala**, deciza fil-11 ta' Gunju, 2010, qalet:
>
> *"… … … jibda biex jigi registrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodici Civili, "bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Supejuri illi "t-test li trid il-ligi allura kien dak oggettiv, dipendenti mill-fatt li minnhom jorigina d-dritt tal-attur li jagixxi, mhux it-test soggettiv ghall-persuna tal-attur u cioe` jekk din kenitx jew le f'kundizzjoni li tagixxi, tkun xi tkun ir-raguni" ("**Raphel Micallef -vs- Anthony Agius**", 6 ta' Ottubru, 2000). Evidentement, imbaghad, "iz-zmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" ("**Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo**", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Jannar 1953")."*"

19. Dan magħdud tibqa' dejjem tgħodd ir-regola li l-parti li tqanqal l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tippruvaha kif imiss u li, f'każ ta' dubju, dan imur kontra l-istess parti eċċipjenti. Dan il-ħsieb ġie imħaddan diversi drabi mill-qrati nostrana fosthom fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Guido J. Vella vs. Dr. Emanuel Cefai** fil-5 ta' Ottubru, 2001:

> "L-enunjazzjoni korretta kellha tkun illi una volta tinghata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, min jaghtiha kellu jipprova l-element essenzjali tal-eccezzjoni tieghu u cioe' li kien bhala fatt iddekorra t-terminu statutorju preskrittiv. Dana mid-data minn meta l-attur seta' jipproponi l-azzjoni. Altrimenti kien japplika l-principju "contra non valentem agere non currit prescriptio." […] Filwaqt li hu veru li kien l-attur li kellu l-oneru illi jipprova l-insostenibbilita' tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata fil-konfront tieghu mill-konvenut u allura taht dan l-aspett kien jinkombi fuqu l-piz tal-prova, kien qabel xejn jispetta lill-konvenut li jistabbilixxi definittivament il-mument minn meta beda jiddekorri skond il-ligi t-terminu preskrittiv u jekk kienx effettivament

hekk iddekorra minn dak il-mument sal-mument meta tkun giet intavolata l-azzjoni."[3]

20. Hu x'inhu l-għajn tal-preskrizzjoni invokata mill-konvenut, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk mill-provi mressqa dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabbilita.

21. Meta l-konvenut jistabbilixxi definittivament il-mument minn meta beda jiddekori t-terminu ta' preskrizzjoni, idur fuq l-attur l-oneru li jikkumbatti l-eċċezzjoni bil-prova tal-interruzzjoni jew tas-sospensjoni. Kif ingħad f'diversi sentenzi "*jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ikun ugwalment fatt illi l-atturi ma ssodisfawx lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni*"[4], u f'każ ta' dubju serju dan għandu jmur favur dak li kontra tiegħu qiegħda tiġi akkampata rinunzja għad-dritt[5].

22. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-sentenza **Elmo Insurance Services Ltd nomine vs. Carmel sive Charles Mangion** mogħtija fit-12 ta' Jannar 2005:

> "1.L-interruzzjoni hi assimilata ghall-eccezzjoni f' sens strett u allura sta ghal parti nteressata li tqajjimha li taghti prova taghha billi din, bhall-eccezzjoni nifisha tal-preskrizzjoni , ma tistax tigi sollevata mill-gudikant;"

23. Fil-każ odjern, il-konvenut naqas milli jindika minn meta bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni. Mill-atti ma tirriżulta ebda data ta' meta sar il-bejgħ tal-vetturi mertu tal-kawża, li hemm huwa biss indikazzjoni meta sar l-aħħar pagament. Filwaqt li l-aħħar pagament għal Escort Mark 1 Cosworth l-aħħar pagament sar fis-17 ta' Diċembru 2013, l-aħħar pagament għal magna V6 u l-Escort Mark 4 sar fit-28 ta' Frar 2014. Għall-vettura Ford 8 Van ma sar ebda ħlas u kif ingħad din il-Qorti ma jirriżultaliex meta sar il-bejgħ tagħha.

---

[3] Ara wkoll **Reuben Buhagiar vs. Joseph Fenech** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 t'April 2017 (mhux appellata); **Giovanna Hili vs. Emanuel Cardona et** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri fis-26 ta' Settembru 2007 b'referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe vs. Edgar Ellul** deċiża fis-16 ta' Ġunju 1994.

[4] Kollez. Vol. XXX pI p989.

[5] Kollez. Vol. XXXII pI p44.

24. Fir-rikors promotur l-attur ippremetta li huwa interpella lill-konvenut għall-ħlas b'ittra uffiċċjali datata 2 ta' Mejju 2014. Kopja ta' din l-ittra ma ġietx ippreżentata in atti. Il-Qorti ċċekkjat *ecourts* sabiex tivverifika dak magħdud u ma rriżultalha ebda ittra uffiċċjali. Kontestwalment mal-azzjoni odjerna u ċioe fil-21 ta' Jannar 2015 l-attur intavola Mandat ta' Qbid.

25. Jekk il-Qorti kellha tikkunsidra bħala d-*dies a quo* l-aħħar pagamenti rispettivi, huwa evidenti li l-perjodu ta' 18-il xahar bejn il-pagament u d-data tal-intavolar tal-kawża odjerna ma kienx skada. Fir-rigward tal-vettura Ford 8 Van, il-Qorti hija sprovvista minn kwalunkwe data u għalhekk ma tistax tiddetermina minn meta seta' beda jiddekori l-perjodu ta' preskrizzjoni.

26. Għall-kompletezza għandu jingħad illi fir-risposta għall-kontro-talba, l-attur rikonvenzjonat eċċepixxa li l-konvenut ammetta li huwa debitur lejn l-attur għall-vettura Ford 8 Van, għall-vettura Ford Escort Mark 4 u anke għall-magna V6. B'dan għalhekk l-attur qiegħed jirribatti li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni billi jgħid li t-terminu preskrittiv ġie interrott bl-ammissjoni tal-konvenut.

27. Is-sentenza **Bank of Valletta plc vs. Mansour Mohammed Naceur**[6] telenka l-prinċipji gwida fir-rigward tal-interruzzjoni u s-sospensjoni tat-terminu preskrittiv:

> "Huwa sew konkordi f'materja ta' preskrizzjoni illi l-principji gwida huma bejn wiehed u iehor is-segwenti:-
>
> 1. In linea generali, il-preskrizzjoni tista' tigi mwaqqa' billi wiehed juri illi ghal xi motiv legali dik il-preskrizzjoni eccepita mhix ammissibbli jew illi kien hemm is-sospensjoni jew l-interruzzjoni taghha jew ir-rinunzja. Ara "**Hilda Bartolo et -vs- Giuseppina Zammit et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 13 ta' Jannar, 1953;
>
> 2. L-interruzzjoni u r-rinunzja mhux l-istess haga, anke jekk sew l-interruzzjoni u sew ir-rinunzja, iridu jirizultaw b'mod car u inekwivokabbli. Skond il-gurisprudenza, l-operattivita` taghhom hi f'dan is-sens. Salv fil-kaz ta' att gudizzarju, ir-rikonoxximent ta' debitu jinterrompi l-preskrizzjoni li tkun ghadha in korso, izda jekk il-preskrizzjoni tkun gja kompjuta hi ipotizzata qaghda ta' rinunzja u

[6] Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) - 6 ta' Ottubru, 2010

mhux ta' interruzzjoni. Ara "J**oseph Bajada - vs- Alfred Naudi**", Qorti tal-Kummerc, 12 ta' Jannar 1950 u "**Maria Lourdes Brincat -vs- Giuseppe Brincat et**", Appell Civili, 9 ta' Dicembru 1994;

3. Fil-kaz tar-rikorrenza tal-wahda jew ta' l-ohra l-indagini timplika apprezzament ta' fatti. M'ghandniex xi nghidu, il-kreditur-attur li jivvanta l-interruzzjoni jew ir-rinunzja jrid juri mhux biss li jezisti fatt inkompatibbli mal-volonta li wiehed javvalora ruhu mill-preskrizzjoni izda, ukoll, li dan il-fatt jimmanifesta fih, u minghajr possibbilita` ta' xi interpretazzjoni diversa, il-volonta inekwivokabbli ta' l-interruzzjoni jew tar-rinunzja. Ara "**Fibermar Company Limited -vs- Christian Camilleri**", Appell Inferjuri, 12 ta' Gunju, 2009 u "**Frank P. Borg Limited -vs- Joseph Camilleri**", Appell Superjuri, 28 ta' Mejju 2010;

4. Apparti l-kaz ta' l-interruzzjoni b'att gudizzjarju skond il-previzjoni tal-ligi fl-Artikoli 2128 u 2130 tal-Kodici Civili, l-interruzzjoni tista' tirrizulta minn qaghdiet ohra bhal ma huma r-rikonoxximent tad-debitu (Artikolu 2113) jew il-hlas akkont (Artikolu 2134). Ara ghall-aktar dettal is-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta in re: "**Martin Mizzi -vs- Joseph Camilleri**", 20 ta' Ottubru, 2004, abbraccjata mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Abdilla et -vs- Frances Gloria Crockford et**", 26 ta' Gunju, 2009;"

28. Hemm tliet ċirkostanzi fejn jinkiser it-terminu tal-preskrizzjoni tal-azzjoni ai termini tal-**Artikoli 2127 et seq tal-Kodiċi Ċivili**. Dawn huma talba b'att ġudizzjarju; l-għarfien tal-jedd tal-parti li kontra tagħha hu għaddej iż-żmien tal-preskrizzjoni; u l-ħlas akkont (ara **Elnara Shorazova v. Av. Pio M. Valletta** - Qorti tal-Appell - 31 ta' Mejju, 2023).

Din il-Qorti tagħraf li l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni seħħet bl-għarfien tal-jedd u bil-pagamenti akkont. Relevanti għalhekk **Artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili: "**Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja."

29. In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-ismijiet **Austin Psaila vs. Lother Slabick** mogħtija fid-9 ta' Frar 2005:

"Illi l-gurisprudenza tghallem illi gharfien tal-jedd mid-debitur irid ikun wiehed car u univoku. Inoltre semplici kollokwji jew konversazzjonijiet bejn il-kreditur u id-debitur ma jammontawx ghal rikonoxximent tad-dejn u ghalhekk ma jistghu qatt jinterrompu l-preskrizzjoni jew inkella jigu interpretati bhala rinunzja da parti tad-debitur ghal preksrizzjoni li ikun idekorra favur tieghu. (ara sentenza PA 15.10.2003 – **Perit Arkitett**

**Joseph Barbara vs Segretarju tal-War Damage Commission**, u ukoll Appell Superjuri 30.05.2003 – **Domenic Department Stores Ltd. vs Malta Dairy Products Ltd.**)"

[...]

Huwa pacifiku illi meta tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-attur-kreditur ghandu ghad-disposizzjoni tieghu diversi ghazliet possibbli biex jikkombattiha. *Ad exemplum*:

[...]

(3) l-interruzzjoni, jew billi l-attur jiddemostra dan permezz ta' xi att gudizzjarju (Artikolu 2128, Kodici Civili) jew billi juri ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal illi b' certa attitudni tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnifsu f' sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni. F'dan il-kuntest huma annoverati s-sitwazzjonijiet prevvisti mil-Artikoli 2133 u 2134 tal-Kodici Civili;

Issa r**-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt**.[7] *Ad exemplum*, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-*accounts*;

Jinsab precizat ukoll, kemm fi-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta` , tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita` , dejjem b' mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;"

**30.** Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell (Civili Inferjuri) fis-16 ta' Diċembru, 2002, fl-ismijiet **Benny Camilleri vs. Ian Schembri et**, kien ritenut illi: "Jinsab difatti espress illi r-rikonjizzjoni tad-dejn tista' tkun "anke prezunta u indiretta"[8] kif ukoll "tant espress kemm tacitu"[9]. L-istess ingħad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Civili Inferjuri) tal-24 ta' Marzu 2004, fl-ismijiet **Mary Rose Tabone vs. Silvio Vassallo pro. et noe**, fejn kien ritenut illi:

[7] Enfasi tal-Qorti.
[8] Vol XLIII pII p744.
[9] Vol XXXIX pt II p696, kif kwotat fis-sentenza fl-ismijiet Lawrence Formosa et nomine vs. Anthony Borg deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Jannar 1997.

"Issokta jigi osservat ukoll illi 'jekk id-debitur jirrikonoxxi d-dejn dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni u dan ir-rikonoxximent jista' jkun anke prezunt jew indirett. U lanqas hemm bzonn li rrikonoxximent ikun ghall-kwantita' kollha dovuta, u jista' jirrigwarda kreditu illikwidu

[…]

Ir-ragunijiet mill-appellanti avvanzati l-ghala ma hallasx huma pertinenti se mai ghall-meritu izda mhux ukoll bhala xi interpretazzjoni tac-cahda tad-dejn jew ta' xi sostenn tal-preskrizzjoni eccepita. Huwa fil-fatt jaghraf l-ezistenza tal-kreditu anke jekk ma wasalx f'ebda kompromess dwaru mal-appellata.

Gie sewwa ritenut illi fejn id-debitur ma jichadx id-dejn imma sempliciment jikkontesta l-quantum ta' l-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri ("**Anthony Fenech et noe –vs- John Saliba**", Qorti Kummerc, 21 ta' April 1971; "Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe", Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Dan japplika wkoll jekk ir-rikonoxximent isir wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni ("**Alfredo Borg –vs- Carmelo Brincat et**", Appell Civili 5 ta' Gunju 1959)."

31. Inżamm ukoll illi l-interruzzjoni tista' tiġi ppruvata permezz ta' rikonoxximent tad-dejn permezz ta' messaġġi elettroniċi (ara. **Joginder Singh Dhingsa v. Anthony Grech et.** - Qorti tal-Appell - 31 ta' Mejju, 2023).

32. M'hemmx dubju li kien hemm interruzzjoni min-naħa tal-konvenut mal-mument li fil-kontro-talba tiegħu ħalef hekk: "illi fuq il-vettura l-oħra kien għad fadal is-segwenti bilanċ pendenti: a. Ford Escort Mark 4 ahmar (bilanċ pendenti – Eur 65.00) b. Ford Vann Marun (bilanċ pendenti – Eur 5357.56) u c. Magna V6 (bilanċ pendenti – Eur 550)."[10] In oltre fl-affidavit tiegħu l-konvenut qal hekk: "*Fuq l-Escort Mark 4 magna diesel ahmar ghad fadal inhallas bilanċ ta' Eur65, u ma ghandhiex oġġezzjoni li dan jithallas a patt li jirritornali l-log book.*" Rigward il-Ford 8 Van jgħid li l-ammont dovut għandu jitnaqqas mill-ammont żejjed li huwa ħallas (dan il-punt ser jiġi spjegat taħt il-mertu) u fir-rigward tal-magna, il-konvenut fl-affidavit qal li huwa ħallasha kollha, però l-konvenut ma ġabx prova ta'

[10] Fol 23 tal-proċess.

dan. Huwa evidenti għalhekk li l-konvenut interrompa l-preskrizzjoni bl-istqarrijiet li huwa għamel.

33. Bil-mod li kienu joperaw in-negozju ta' bejniethom il-partijiet, pagament akkont jew rikonoxximent ta' parti minn dak dovut iwassal għall-interruzzjoni tat-terminu preskrittiv fuq l-ammont bilanċjali kollu.

34. L-interruzzjoni ġġib l-effett li jitħasar il-perjodu preskrittiv li jkun għadda b'dan li jerġa jibda għaddej mill-ġdid, sakemm ma jkunx ġie sospiż, *ad exemplum* meta tiġi istitwita kawża għall-kanonizzazzjoni ta' dak il-kreditu. Dan in linea ma' dak li jipprovdi l-**Artikolu 2136 tal-Kodiċi Ċivili**:

> "(1) Meta l-preskrizzjoni tiġi miksura, iż-żmien li jkun għadda qabel ma jgħoddx għalbiex wieħed jippreskrivi.
>
> (2) Iżda, il-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-ġdid"

35. Għaldaqstant u fi kwalunkwe każ il-perjodu tal-preskrizzjoni applikabbli għall-azzjoni attriċi ġie interrot mal-mument li l-konvenut għaraf "il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja".

36. **Għal dawn il-motiv l-Qorti qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.**

**L-Eċċezzjoni tal-Irritwalita' tar-Rikors Promotur.**

37. Permezz tat-tielet eċċezzjoni l-konvenut jilqa' għat-talbiet attriċi kif isegwi:

> "Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ma talabx li l-konvenut jiġi ddikjarat li huwa verament debitur tieghu u ghaldaqstant ic-citazzjoni hija monka u l-istess konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju."

38. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut m'għamel ebda sottomissjonijiet fuq din l-eċċezzjoni u wisq anqas ma għamel osservazzjonijiet dwar dan il-punt waqt it-trattazzjoni.

39. Huwa evidenti li l-konvenut qiegħed jeċċepixxi n-nullità tal-azzjoni. Huwa ben assodat li fejn ikun hemm eċċezzjoni ta' nullità bħal dik eċċepita fil-

kawża odjerna, il-Qorti għandha teżamina jekk verament dik l-eċċezzjoni fis-sustanza tagħha twassalx għan-nullità o meno.

40. Eċċezzjoni ta' nullità ta' att ġudizzjarju hija proponibbli biss jekk jikkonkorru r-rekwiżiti stabbiliti fl-**Artikolu 789 tal-Kapitolu 12**:

> "(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –
>
> (a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;
> (b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;
> (ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;
> (d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:
>
> Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi."

41. Huwa ben stabbilit li l-erba' ċirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eċċezzjoni ta' nullità ta' att ġudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taħt il-parametri ta' xi waħda minnhom.

42. In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Bernardette Gatt et vs. Alessandro sive Sandro Cassano** mogħtija fil-31 t'Ottubru 2013 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-29 ta' Mejju 2015:

> "Il-principji li jirregolaw l-applikazzjoni ta' dan il-provvediment gew konsistentement applikati minn dawn il-Qrati u essenzjalment jinkludu s-segwenti:
> • Il-kazijiet fejn tista' tirnexxi l-eccezzjoni huma tassattivament dawk elenkati fil-fuq citat artikolu tal-Kap. 12.
> • Citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba.
> • Citazzjoni ma tigix skartata ghajr ghal ragunijiet gravi.
> • Fejn ma hemmx kontradizzjoni ghall-ahhar bejn premessi u talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qorti trid tqis b'cirkospezzjoni l-eccezzjoni, il-kwalifika fil-kuntest ghandha tkun il-kjarezza tal-intenzjoni.
> • L-oggett tal-kawza u r-raguni jridu jkunu mfissra cara.

• Premessi guridikament distinti u talbiet kontradittorji jwasslu għan-nullita' tac-citazzjoni."

43. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża **Richard Attard noe vs. John Rizzo noe** mogħtija 18 ta' Frar 2021 irriteniet li:

> "… f'materja ta' nullita` tal-atti, is-sanzjoni estrema tan-nullita` ta' att ġudizzjarju titlob li l-eċċezzjoni tintlaqa' biss f'każijiet eċċezzjonali meta r-rimedju waħdien li jingħata lill-imħarrek għall-preġudizzju mġarrab ikun it-tħassir tal-att, kif jipprovdi wkoll il-proviso tal-Artikolu 789(1) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bla ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali [App. Ċiv. **4.11.1991** fil-kawża fl-ismijiet **Vella v. Ċefai** (Kollez. Vol: LXXV.ii.467)]. Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, ekonomija w ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali;"

44. Il-konvenut ma għamel ebda referenza għall-Artikolu 789 u wisq anqas taħt liema sub-inċiż tal-imsemmi artikolu qiegħed iressaq l-eċċezzjoni tiegħu taħt eżami. Jsemmi biss illi hemm nullita' peress li skontu hemm nuqqas ta' talba li hija meħtieġa fl-azzjoni tal-attur kif postulata.

45. Il-Qorti tinnota li filwaqt li ċertament m'hijiex nullità taħt is-sub-inċiż (b), il-Qorti lanqas ma tista' tqis li l-eċċezzjoni taqa' taħt wieħed mis-sub-inċiżi rimanenti u dan stante li ma saret ebda vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi jew lanqas ma hemm nieqes xi partikolarità essenzjali.

46. Anke jekk għall-grazzja tal-argument biss, il-konvenut qiegħed jistrieħ fuq sub-inċiż (ċ) u/jew (d), huwa ben saput, kemm mill-proviso tal-Artikolu 789 (1) kif ukoll mill-ġurisprudenza nostrana, li l-eċċezzjoni tan-nullità ta' rikors promotur tista' tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġabet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort' oħra ħlief billi l-att jiġi annullat. Għaldaqstant rikors ġuramentat m'għandux jiġi mwaqqgħa għajr għal raġunijiet gravi.

47. Dwar l-element ta' kjarezza fir-rikors ġuramentat, il-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawżali tkun imfissra b'mod xott jew saħansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha.

48. Jekk wieħed iqis il-kawża preżenti u jkejjilha mal-osservazzjonijiet li saru isib li dak li qiegħed jippremetti l-attur ma jħalli l-ebda dubju x'inhu

jippretendi li sar u xi jrid li jikseb bl-azzjoni tiegħu. Fuq dan, il-konvenut fl-eċċezzjonijiet tiegħu, juri wkoll li fehem x'qiegħed jingħad u x'għamla ta' kontestazzjoni qiegħed iressaq għal dawk il-pretensjonijiet.

49. Ingħad ukoll li d-distinzjoni bejn nullità taħt is-sub-inċiż (ċ) u dik taħt is-sub-inċiż (d) tas-sub-artikolu (1) tal-**Artikolu 789,** tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux 'sempliċi' ksur tal-forma preskritta[11]. Huwa xieraq li jissemma li l-liġi titkellem dwar 'partikolarità essenzjali' u mhux partikolarità kwalunkwe. Biex partikolarità f'att ġudizzjarju titqies bħala 'essenzjali' jeħtieġ li jintwera li n-nuqqas tagħha f'dak l-att ixekkel serjament u rrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tar-regoli proċedurali li l-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet u tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali[12].

50. Issa, fil-każ tal-lum, id-difett lamentat mill-konvenut huwa n-nuqqas ta' talba li l-konvenut jiġi dikjarat debitur tal-attur, talba li l-konvenut jqis li kienet meħtieġa *ad validitatem* sabiex l-attur jista' jikseb ir-rimedju minnu mitlub.

51. Dwar dan, il-Qorti ssib li d-dikjarazzjonijiet magħmulin mill-attur fil-premessi u li minnhom jitnisslu t-talbiet tiegħu ma kinux jeħtieġu li tali dikjarazzjonijiet jissawru fl-għamla ta' talba formali li huwa debitu. It-talba attriċi sabiex il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur hija intrinsikament talba sabiex il-konvenut jiġi dikjarat debitur tal-attur għar-raġunijiet mogħtija fil-premessi.

52. Kif inżamm fis-sentenza **Maltacom plc vs. Angelo Schembri** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-16 ta' Diċembru 2002:

> "in kwantu t-talba dikjaratorja pre-ordinata ghall-kundanna mhiex rekwizit 'sine qua non' li minghajra l-avviz hu monk. Hu pacifiku fil-gurisprudenza Maltija illi d-domanda tista' tigi inferita u jew sostenuta "per equipollens". (Vol XXXVI pI p105). U billi d-domanda ghal kundanna ghall-hlas tas-somma tad-danni ghandha implicita fiha r-responsabilita' li tat lok ghal dawk id-danni ma hijiex irritwali d-domanda li biha tintalab il-kundanna minghajr ma jkun hemm ukoll fl-Avviz it-talba ghad-dikjarazzjoni tar-responsabilita'.

[11] Ara **Carmelo Galea vs. Pawlu Cuschieri** deċiża mill-Prim'Awla Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1988.
[12] Ara **Diane Vella et vs. Medserv Operations Limited** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 t'Ottubru 2008.

Jinsab in fatti stabbilit illi "d-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu, m'hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi." (Vol XXXIII pI p666)"[13]

**53. Għaldaqstant issib illi r-rikors promotur ma hu milqut minn ebda irritwatlita' u konsegwentement tiċħad it-tielet eċċezzjoni.**

**Mertu**

54. Miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eċċezzjoni tal-irritwalita' tal-att promotur, imissi issa li jiġi trattat il-mertu tal-azzjoni prinċipali kif ukoll dak tal-kontro-talba.

55. Kif ġia ġie stabbiliet, l-azzjoni tal-attur hija waħda ta' talba għall-ħlas ta' kreditu naxxenti minn bejgħ ta' vetturi. Min-naħa l-oħra, il-kontro-talba hija talba għal rifużjoni ta' somma mħallsa żejda fuq ix-xiri tal-istess vetturi.

56. Waqt il-qari tal-proċess, il-Qorti ltaqgħet ma' ammonti differenti mitluba u kien għalhekk li ħasset li jkun aktar għaqli li tagħmel tabella bl-ammonti varji li hija ltaqgħet magħhom u dan sabiex tifhem aħjar l-ammonti mitluba mill-partijiet rispettivament:

| | **Rikors promotur** | **Xhieda tal-attur** | **Dok PM2 (Dok li jinsab fil-pakkett a fol 80)** | **Dok PM4** | **Dok PM 6** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Ford Escort Mark 1 Cosworth** | €3142 (ara Fol 10 u 11) (valur tal-vettura skont Fol 10 huwa ta' | €3608 | €3608 | €3608 | €3608 |

[13] Ara wkoll **Michael Cachia vs. Denis Jacques** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Marzu 1957.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Lm4,800 i.e. €11,181. | | | | |
| **+multi** | €3274 | €3200 / €3600 | | €3321.24 | €3321.24 |
| **Escort Mark 4 magna diesel aħmar** | €65 | €65 | €65 | €65 | €65 |
| **Ford 8 Van** | €5,360 | €5,360 | €5,360 | €5,360 (Lm2,300) | €5,360 |
| **Magna V6 Ford Capri** | €550 | €550 | €550 | €550 | €550 |
| **Mutur Suzuki GSXE 1100cc** | Ma jissemmiex | €4000 | €4000 | €4000 (miktub bil-lapes filwaqt li l-kumplament kollox bil-biro) | Isemmiegħ però ma jghidx l hemm x somma pendenti fuqu |
| **Total** | €12,391 (mhux kif indikat fir-rikors promotur ta' somma ta' €12,575.) | | | | €12.904.24 |

57. Kif imfisser aktar 'l fuq m'hemmx kontestazzjoni li l-ammonti tal-magna V6 Ford Capri, tal-Escort Mark 1 aħmar u tal-Ford 8 Van huma dovuti mill-konvenut lill-attur. Fir-rigward tal-Escort Mark 1 aħmar jidher li s-somma miftiehma kienet ta' Lm2,300 li hija ekwivalenti għal **€5,357.56**. Il-konvenut jgħid li huwa jrid jirritorna lura l-magna V6 għaliex għandha

nieqsa d-dokumentazzjoni, però din il-Qorti tqis li dak mhux il-mertu tal-kawża u għalhekk m'hijiex sejra tidħol f'tali kwistjoni. L-ammont għal dawn it-tlieta huwa ta' **€5,972.56.**

58. Waqt ix-xhieda tiegħu u anke fid-dokumentazzjoni minnu ppreżentanta, l-attur jgħid li huwa kien biegħ mutur Suzuki GSXE 1100cc lill-konvenut, u dan tal-aħħar wara xi sitt snin kien reġa' rritornahulu. Jgħid li f'dawk is-sitt snin il-valur tal-mutur niżel u għalhekk qiegħed jitlob is-somma ta' €4,000 bħala telf li huwa għamel fuq dan il-mutur.

59. **Fir-rigward tal-pretensjoni tal-attur li tfaċċat fil-mori tal-kawża abbinata ma użu ta' mutur, tqis illi dan ma hux mertu tal-azzjoni attriċi għaliex tali pretensjoni la hi msemmija fil-premssi tal-att promotur u lanqas fit-talbiet attriċi.** Is-somma ta' €12,575 mitluba mill-attur hija spjegata fl-affidavit tiegħu anness mal-att promotur u ma hemm l-ebda ammont relattiv għal użu ta' mutur u ma saret l-ebda talba għal-likwidazzjoni ta' tali ammont. Huwa paċifiku illi l-Qorti hija marbuta li tiddeċiedi fuq il-kawżali u t-talbiet kif proposti mill-attur fir-rikors ġuramentat. L-attur f'din il-kawża jilmenta biss dwar karozzi u mhux ukoll mutur. Huwa prinċipju stabbilit li fl-għoti ta' sentenza l-imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u t-talba kif miġjuba fir-rikors ġuramentat. Is-sentenza għalhekk trid tirrispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-prinċipji tad-dritt applikabbli għalihom, tenut kont tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut. (**Mark Cassar v. Direttur tad-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali et**. - Qorti tal-Appell - 25 ta' Ottubru, 2023).

60. Fil-każ ta' **Charles Grech et vs. John Agius**, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' April 2016 intqal:

> "Illi kif intqal "*La causa dell'azione e` il fatto costitutivo del diritto al mutamento giuridico. La volonta` d'impugnare che si riferisce a una causa non si riferisce a un'altra (ne` e` lecito distinguere fra cause prossime o no)... **il giudice che passa da una causa all'altra pronuncia ultra petita***" [Giuseppe Chiovenda, Istituzioni di Diritto Processuale Civile, (Napoli, 1953) Vol I paġna 321.] (enfasi miżjuda mill-Qorti). Dan it-tagħlim għadu jgħodd sallum u huwa segwit mill-Qrati tagħna: " *Hu magħruf, u anke aċċettat, in linea ta' prinċipju ġenerali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu deżunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proċeduri* (**Kollez. Vol XLII pI p86**). *Hi wkoll regola proċedurali, sostenuta mill-ġurisprudenza, illi l-kawżali*

*tad-domanda ossija r-raġuni ġuridika tat-talba, oltre li għandha tiġi mfissra ċar u sewwa, ma tistax tiġi mibdula jew aġġunta u l-Qorti għandha toqgħod għat-talba kif tkun ġiet imfissra fl-att taċ-ċitazzjoni* (**Kollez. Vol. XXXIV pI p85**). *Dan b'mod li lQorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, anke ghaliex, kif ritenut, 'mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni*' (Kollez. Vol. XLVIII pII p777)" [App. Inf. PS **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Cassar vs Victor Żammit**]"

61. **In linea ma' din il-ġurisprudenza, il-Qorti ma tistax takkolji t-talba tal-attur għal ħlas ta' €4,000 ġaladarba tali talba tqajmet waqt ix-xhieda tal-attur u ma saritx talba fl-att promotur fir-rigward.**

62. L-attur talab ukoll fir-rikors promotur il-ħlas ta' €3,274 bħala **multi** li hemm fuq il-vettura tat-tip Cosworth. Kif tindika t-tabella t'hawn fuq fid-dokumentazzjoni ppreżentata mill-attur, iċ-ċifra hija waħda diversa minn dak mitlub fir-rikors promotur. Nonostante din l-osservazzjoni, il-Qorti tinnota li l-**attur naqas milli jġib l-aħjar prova.** Huwa ben saput li minn jallega jrid jipprova.[14] Kif ġie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Zammit vs. Joseph Hili,** mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1953 "*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat". Ta' min jgħid iżda li dan l-artikolu jibda billi jipprovdi li r-regola hija applikabbli "Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi"*. Kien jikkombi fuq l-attur li jġib l-aħjar prova ta' dawn il-multi.

63. Jekk l-attur jonqos milli jġib l-aħjar prova din tissarraf fi żvantaġġ għalih. Huwa minnu li dawn il-Qrati applikaw ir-regola *ex aequo et bono* pero' biss fejn il-provi fir-rigward tal-ammont tad-danni mhumiex tant linejari jew ben stabbiliti jew f'każ ta' nuqqas ta' disponibbilità ta' mezzi probatorji. Fi kliem ieħor meta l-aħjar prova disponibbli ma kinitx biżżejjed biex ikun hemm prova sħiħa tad-danni mġarrba. Mhux meta kien hemm disponibbli l-aħjar prova u l-attur għażel li ma jressaqhiex. (ara **Dax Fernandes v. Thomas Barr** - Qorti tal-Appell - 27 ta' Frar, 2024).

64. Il-fatt waħdu li l-konvenut qiegħed jaqbel li hemm xi multi fuq il-vettura Cosworth mingħajr ma jaqbel dwar l-ammont ma jeżonerax lill-attur milli jresaq l-aħjar prova. Kien jinkombi fuq l-attur jekk ma kellux l-irċevuti relativi illi jsejjaħ bħala xhud lil rappreżentant tal-Awtorità tat-Trasport jew awtorità oħra sabiex jikkonferma li verament hemm multi, jispjega

---

[14] **Artikolu 562 tal-Kapitolu 12**.

għalfejn hemm dawk il-multi u jippreċiża s-somma li hemm bħala multa u ż-żmien relattiv. **Minn dan xejn ma sar u għalhekk il-Qorti sejra tiċħad din il-parti tat-talba attriċi dwar il-multi.**

65. Jonqos għalhekk il-Ford Escort Mark 1 Cosworth li hija wkoll il-mertu tal-kontro-talba u għalhekk sejrin jitqiesu flimkien. L-attur ifisser fir-rikors promotur li l-konvenut jonqos itih is-somma ta' €3,142 (għalkemm fid-dokumenti hemm imniżżel is-somma ta' €3,608 u ma ġiex spjegat għalfejn hemm din id-diskrepanza bejn dak mitlub u dak indikat fid-dokumenti). Il-konvenut min-naħa l-oħra jgħid li huwa ħallas €19,141.89 aktar mis-somma li kellu jħallas fuq din il-vettura.

66. Filwaqt li l-attur jgħid li l-valur tal-vettura kien ta' €11,181, il-konvenut jgħid fix-xhieda tiegħu li l-valur tal-vettura miftiehem kien ta' €6,056.37 filwaqt li fin-nota ta' sottomissjonijiet jgħid li l-prezz miftiehem kien ta' €8,385.75. Id-differenza bejn dawn iż-żewġ ammonti imsemmija mill-konvenut hija hekk spjegata minnu: meta l-attur biegħ lill-konvenut il-Cosworth dan kien sar bi tpartit tal-vettura tat-tip Cortina. Il-valur tal-Cortina miftiehem kien ta' Lm1,200 (ekwivalenti għal €2,796). Ġara però li kien hemm problema sabiex jirreġistra din il-vettura Cortina u kien għalhekk li l-attur irritorna lura din il-vettura lill-konvenut biex b'hekk ma kienx hemm tpartit iżda bejgħ tal-vettura Cosworth. Sar ftehim datat 10 ta' Diċembru 2010 fejn ġie mfisser li l-vettura tat-tip Cortina ta' valur ta' Lm1200 qiegħda tiġi ritornata u li s-somma tagħha ser tiġi miżjuda ma' dik tal-Cosworth biex b'hekk il-partijiet ftehmu li l-vettura Cosworth kienet qed tinbiegħ lill-konvenut għall-prezz ta' €10,200.00. Il-konvenut iffirma din l-iskrittura.[15] **Ġaladarba l-vettura Cortina ġiet ritornata lill-konvenut u ġaladarba sar dan il-ftehim, l-ammont li għandu jitqies bħala l-aħħar valur maqbul bejn il-partijiet dwar il-vettura Cosworth huwa ta' €10,200.00.**

67. Il-konvenut jilmenta li huwa ħallas is-somma ta' €19,141.89 żejda fuq il-vettura Cosworth. Din il-Qorti tosserva li l-konvenut rikonvenzjonanti naqas milli jipprova kif wasal għal din is-somma għajr li qal li din iċ-ċifra ġaba mid-dokumentazzjoni ppreżentata minnu u mill-attur rikonvenzjonat. Dak li ingħad aktar 'l fuq dwar minn jallega jrid jipprova u li trid tinġieb l-aħjar tgħodd għall-konvenut rikonvenzjonanti.

[15] Ara Fol 7 tal-proċess.

68. Jirriżulta għalhekk mill-atti li għandha quddiemha l-Qorti rigwardanti l-vettura Cosworth illi l-konvenut ħallas is-somma ta' €7,954.57 akkont tal-prezz ta' €10,200 u mhux is-somma żejda ta' €19,141.89 kif jallega. **Għalhekk fuq din il-vettura għad baqa' bilanċ dovut mill-konvenut lill-attur tas-somma ta' € 2,245.43.**

69. Fid-dawl tas-suespost, filwaqt li l-Qorti tiċħad l-ewwel u t-tieni talba rikonvenzjonali sejra tilqa' parzjalment it-talba tal-attur u tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' tmint elef, mitejn u sbatax-il ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€8,217.99)[16] arrotandati għal €8,218.00

**Rimanenti talbiet rikonvenzjonali**

70. Il-konvenut rikonvenzjonant qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li huwa sid tal-vetturi a. Ford Vann Blu, b. Ford Zeper Marun, c. Ford Prefect, d. Ford Prefect/Aquire Vann, e. Ford Escort Mark 1 Iswed, f. Ford Vann Marun, g. Ford Escort Mark 1 Blu/vjola u h. Ford Escort Mark 4 ahmar.

71. Din it-talba rikonvenzjali tfalli qabel tibda. Il-Qorti ma tistax tikkonsidra adegwatament din it-talba għaliex *ad exemplum* il-kliem "Ford Vann Blu" ma huwa ta' l-ebda utilita' sabiex tiġi identifiakta din il-vettura li flimkien ma' oħrajn ressaq dwarhom it-talbiet rikonvenzjonali l-konvenut. Hija stramba kif tul il-kors tal-kawża l-konvenut ma għamel l-ebda sforz sabiex in-numri ta' reġistrazzjoni ta' dawn il-vetturi jiġu identifikati. Jaqbel jew ma jaqbilx l-attur dwar li l-konvenut xtara mingħandu dawn il-vettura ma hu ta' l-ebda utilita' għall-finijiet ta' din it-talba rikonvenzjonali.

72. Meta tadixxi l-Qorti b'din ix-xorta ta' talba triq tkun fil-forma u fil-qis li tista' almenu tiġi kkunsidrata adegwatament. Li titlob lill-Qorti tiddikjarak eg. sid ta' "Ford Vann Blue" mingħajr l-ebda indikazzjoni tan-numru tar-reġistrazzjoni jew almenu tan-numru tac-chassis ma hiex proponibbli fi proċess ġudizzjarju. Għat-taħwid li apparentement kienu jikkonduċu n-negozju bejniethom il-partijiet hemm issa dawn il-konsegwenzi. Il-konvenut jgħid illi l-ebda vettura li xtara mingħand l-attur ma għandha registration number.[17] Difatti meta ħarrek lil rappreżentant ta' Transport Malta dan xhed illi ma setax jagħti l-ebda informazzjoni dwar il-vetturi msemmija mill-konvenut jekk ma jkollux in-numru ta' reġistrazzjoni. Il-

[16] €5,972.56 + €2,245.43 = €8,217.99

[17] Ara d-dikjarazzjoni li għamlet l-avukat tal-konvenut fl-udjenza quddiem din il-Qorti diversament presjeduta miżmuma fil-21 t'a Ġunju, 2018 (fol. 118).

konvenut, rinfaċċjat b'din ix-xhieda li ma kellha tkun xejn sorprendenti għalih, minflok ra kif għamel sabiex almenu issir l-identifikazzjoni tagħhom permezz tac-chassis number, ma għamel xejn aktar u ħalla li jsir l-għeluq tal-provi wara diversi differimenti mitluba mill-partijiet għaliex kienu jgħidu li qed jippruvaw jirranġaw. Ta' dan jaħti biss il-konvenut. Għalhekk fin-nuqqas tan-numri ta' reġistrazzjoni u fin-nuqqas tan-numru tas-chassis tal-vetturi imemmija fil-kontro talba, it-tielet talba rikonvenzjonali ma tistax tintlaqa', lanqas biss tista' tiġi kkunsidrata u għalhekk ser tastjeni milli tieħu konjizzzjoni ulterjuri tagħha.

73. Dwar ir-raba' talba rikonvenzjonali tenut kont li l-attur ammetta fuq il-pedana tax-xhieda li l-log books tal-vetturi kollha msemmija mill-konvenut qegħdin għandu, il-Qorti ser tordnalu sabiex fi żmien xahar millum jiddepożita taħt l-awtorita' tal-Qorti il-log books tat-tmien vetturi mertu tal-kawża.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża u l-kontro-talba bil-mod segwenti:

1. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

2. **Tiddikjara** l-mertu tal-ewwel u tat-tieni talba eżawrit;

3. **Tilqa' parzjalment** it-tielet talba, tordna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' tmint elef, mitejn u tmintax-il ewro (€8,218) fi żmien xahar minn meta l-attur jiddepożita taħt l-awtorita' tal-Qorti it-tmien log books imsemmija fil-paragrafu numru 6 tad-decide;

4. **Tilqa' in parte** l-ewwel u t-tieni talba rikonvenzjonali kif fuq spjegat;

5. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba rikonvenzjonali u tħalli l-mertu tagħha impreġudikat;

6. **Tilqa' parzjalment** ir-raba talba rikonvenzjonali billi tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex fi żmien xahar millum jiddepożita taħt l-awtorita' tal-Qorti il-log books tat-tmien vetturi li dwarhom xhedu l-partijiet matul is-smigħ tal-kawża odjerna, u dan taħt piena ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti.

7. **Tiċħad** il-kumplament tat-talbiet rikonvenzjonali.

**Bl-ispejjeż** fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
3 ta' Mejju, 2024

**Deputat Reġistratur**